**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Claudio Żammit**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 25 ta' Novembru 2020**

**Talba Nru: 86/19 CZ**

**Goldfox Enterprises Limited (C 75859)**
**vs.**

**Ivan Darmanin**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba tas-socjeta' attrici mressqa fl-24 t'April 2019 li permezz taghha talbet lill-intimat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' erbat'elef, erba' mija u erbgha u ghoxrin Euro u tmienja u ghoxrin cetemzu (€4,424.28) jew somma verjuri li ma teccedix il-kompetenza ta' dan it-Tribunal, liema somma tirraprezenta flus li gew depozitati on account fuq il-karta ta' kreditu tal-intimat sabiex tali flus jintuzaw ghal skopijiet ta' xoghol u liema somma l-intimat qatt ma ta rendikont taghha.

1. Illi fil-5 ta' Frar 2018, is-Sur Darmanin kien ingaggat bhala Chief Financial Officer mas-socjeta' originarjament CubitsPay Limited (C84060) u dan permezz ta' kuntratt ghal zmien definit ghal perjodu ta' sena (vide kuntratt tal-impjieg hawn anness u mmarkat bhala Dok. GF1);

2. Illi, sussegwentement, u bi ftehim datat 5 ta' Frar 2018 bejn is-socjeta' mittenti, is-socjeta CubitsPay Limited u s-Sur Darmanin, l-impjieg tar-rikorrenti Darmanin gie trasferit lis-socjeta' mittenti Godfox Enterprise Limited (C 758589) (vide ftehim tal-5 ta' Frar 2018 hawn anness u mmarkat bhala Dok. GF 2);
3. Illi fil-5 ta' Dicembru 2018, is-Sur Ivan Darmanin ittermina b'mod unilaterali billi rrifjuta li jmur ghax-xoghol, izda dwar it-terminazzjoni hemm kawza pendenti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) rikors numru 20/2019 RM;
4. Illi, tul l-impjieg tieghu u minhabba r-rwol li kien jokkupa cioe r-rwol ta' Chief Financial Officer, huwa kellu Revolut Card f'ismu sabiex ikun jista' jhallas affarijiet relatati mas-socjeta' rikorrenti, b'hekk l-istess socjeta' rikorrenti trasferit is-somma ta' hamest'elef Euro (€5,000) fuq ir-Revolut Card tal-intimat;
5. Illi l-intimat uza l-ammont ta' erbat'elef, erba' mija u erbgha u ghoxrin Euro u tmienja u ghoxrin cetemzu (€4,424.28) jew somma verjuri kif ser jigi ppruvat waqt il-mori ta' din il-kawza, minghajr ma pprovda gustifikazjoni dwar din in-nefqa;
6. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Ghaldaqstant, is-socjeta' attrici talbet lil dan it-Tribunal sabiex jordna, ghar-ragunijiet hawn fuq premessi u kif ser jigi ppruvat waqt il-kawza, li l-intimat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' erbat'elef, erba' mija u erbgha u ghoxrin Euro u tmienja u ghoxrin centezmu (€4,424.28) jew somma verjuri li ma teccedix il-kompetenza ta' dan it-Tribunal, liema somma tirraprezenta flus dovuti lis-socjeta' rikorrenti.

Ra r-risposta tal-konvenut prezentata fil-31 ta' Mejju 2019 li permezz taghha eccepixxa:

Illi fl-ewwel lok it-talbiet tas-socjeta' rikorrenti kif dedotti fil-konfront tal-esponenti ghandhom jigu respinti fit-totalita' taghhom stante illi huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt;

Illi in ogni kaz u minghajr pregudizzju ghal dak suespost, il-mittenti jishaq illi ghall-kuntrarju ta' dak illi qed jigi allegat mis-socjeta' rikorrenti, l-esponenti dejjem ta rendikont tal-flus li nghata mill-kumpanija ghal skopijiet ta' xoghol u rrikonoxxa li huma flus illi jappartjenu lill-kumpanija;

Illi f'dan ir-rigward issir referenza ghall-proceduri li gew intavolati kontra s-socjeta' rikorrenti nhar it-tletin (30) ta' Jannar 2019 fl-ismijiet Ivan Darmanin vs. Goldfox Enterprises Limited (Ref: 20/2019) quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) permezz ta' liema l-esponenti qieghed jitlob lill-kumpanija rikorrenti tersaq ghall-hlas ta' ammont dovut lilu ghall-bqija taz-zmien miftiehem fil-kuntratt t'impjieg tieghu ai termini tal-artikolu 36(12) tal-Kap. 452 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi f'dan ir-rigward il-mittenti jissottolinea illi l-ammont pretiz fil-proceduri sucitati tnaqqas minn ammont ikbar u dan peress illi, kif il-kumpanija rikorrenti hija ga ben konsapevoli, l-ammont fil-pussess tieghu gie pacut ma' parti mill-ammont dovut lilu ai termini tal-Artikolu 1196 et seq. tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn il-ligi tghid illi tpacija bejn tnejn min-nies li huma debituri lejn xulxin issir *ipso iure* anke minghajr ma jafu d-debituri;

Illi ghal kull buon fini u sabiex jezimi ruhu minn kull responsabbilta' l-esponenti qieghed kontestwalment mar-risposta ta' din il-kawza jiddepozita permezz ta' cedola l-ammont mertu ta' din il-kawza sabiex jigi eventwalment irtirat minn min jirrizulta illi ghandu dritt ghalihom skond l-ezitu ta' dawn il-proceduri;

Illi in vista tal-premess l-esponenti jitlob bir-rispett illi dan it-Tribunal joggbu jissoprasjedi l-proceduri odjerni pendenti l-ezitu tal-kawza nru. 20/2019 quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-ismijiet Ivan Darmanin vs. Goldfox Enterprises Ltd;

Illi ghalhekk, it-talbiet tas-socjeta' rikorrenti ghandhom jigu michuda fl-intier taghhom.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri skond kif tippermetti l-Ligi.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta' rikorrenti illi minn issa hija ingunta in subizzjoni.

It-Tribunal:

Ra l-atti;

Ra illi b'digriet tas-26 ta' Lulju 2019, it-Tribunal cahad it-talba tal-konvenut gha-soprasessjoni.

Sema' x-xiehda ta' Aloisia Cachia[1], Matthew Micallef[2], Dr. Simona Camilleri[3], u l-konvenut[4].

Sema' t-tratazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet;

Ra li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidra:

Illi l-fatti kif jirrizultaw mill-atti huma s-segwenti:

Illi l-konvenut kien impjegat tas-socjeta' attrici, u bhala tali, s-socjeta' attrici kienet trasferiet somma fuq kont tieghu, liema flus kellhom jaghmlu tajjeb ghal spejjez li hu kien ser jinkorri ghal raguni ta' xoghol.

[1] Fol. 69
[2] Fol. 72
[3] Fol. 75
[4] Fol. 87

Illi l-impjieg tal-konvenut mas-socjeta' attrici ntemm u s-socjeta' attrici ssostni illi fil-kont tal-konvenut ghad hemm is-somma mitluba fil-kawza odjerna, li huma flus tal-kumpanija u li ma ntuzawx mill-konvenut waqt il-qadi ta' dmirijietu; b'hekk is-socjeta' attrici qed titlob lura din is-somma.

Illi l-konvenut iddikjara illi huwa wkoll ghandu pretensjoni kontra s-socjeta' attrici, li mexxiha 'l quddiem permezz ta' kawza bhalissa pendenti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Avviz Numru 20/19), u qal ukoll illi fl-ammont li talab f'dik il-kawza, diga' naqqas minnu l-ammont li qed tippretendi s-socjeta' attrici fil-kawza odjerna, u f'dan ir-rigward ghalhekk il-konvenut ressaq ir-raba' eccezzjoni tieghu billi qal illi l-ammont mitlub fil-kawza odjerna gie pacut mal-ammont dovut lilu.

Ikkunsidra ulterjorment:

Illi ghalhekk jirrizulta lit-Tribunal illi meta l-konvenut naqqas l-ammont mitlub mis-socjeta' attrici f'din il-kawza, mill-ammont ikbar li huwa qed jallega li ghandu jircievi, il-konvenut b'daqshekk irrikonoxxa illi l-ammont mitlub f'din il-kawza ghandu jhallsu, u dan ma jistax jigi interpretat mod iehor. Il-konvenut innifsu xehed illi l-ammont li kellu jithallas kien madwar sittax-il elf Euro (€16,000), izda dan naqqsu ghal tnax-il elf Euro (€12,000). Dan ghalhekk ixejjen l-ewwel u t-tieni eccezzjoni tal-konvenut.

Illi jonqos jigi determinat pero' jekk b'dan l-att tal-konvenut f'kawza separata sehhitx verament it-tpacija pretiza mill-konvnenut u msemmija fit-tielet u r-raba' eccezzjoni tieghu.

Illi f'dan ir-rigward it-Tribunal jaghmel referenza ghas-sentenza *Maypole Limited vs. Mario Micallef*[5], fejn intqal:

> It-tpacija hija regolata bl-artikolu 1196 et sekwitur tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Bhala regola generali huwa provdut li meta tnejn minn nies huma debituri lejn xulxin, issir bejniethom tpacija b'mod li l-krediti rispettivi huma kancellati in toto jew sal-ammont fejn dawn jkun indaqs. Din it-tpacija topera 'ipso jure' u wkoll minghajr

[5] Prim'Awla tal-Qorti Civili per Onor. Imhallef Albert J. Magri – deciza fit-3 t'Ottubru 2001

ma jkunu jafu d-debituri. Izda l-ligi trid li sabiex tali tpacija issehh jrid jkun hemm zewgt idjun li jkollhom it-tnejn bhala oggett somma ta' flus, jew kwantita' determinata ta' hwejjeg fungibbli ta' l-istess speci, u li jkunu t-tnejn likwidi u li jistghu jintalbu.

L-artikolu 1197 subinciz (2) jkompli jispjega li d-dejn hu likwidu meta hu cert ukoll f'dik li hija kwantita'.

Issa fil-kaz in ezami din il-Qorti ma tistax tilqa l-eccezzjoni tal-konvenut billi mill-provi prodotti ma jirrizultawx sodisfatti r-rekwiziti sabiex topera tpacija. Infatti jidher li hemm kontestazzjoni bejn il-kontendenti fuq l-ezistenza tal-istess kreditu reklamat mill-konvenut. Il-konvenut jsostni li huwa kellu jiehu biss hsieb is-'service' tal-van u dawk l-ispejjes rizultanti minn 'wear and tear' bhal hsarat fil-magna, konsegwentement hu jghid li l-ispejjes li huwa inkorra ghand it-tellar u spray painting mhux koperti bil-ftehim li kien hemm mas-sidien tal-van u cioe is-socjeta' attrici u ghalhekk ghandu jigi rimborsat bihom. L-atturi isostnu xort ohra billi jghidu li huma taw il-van lill-konvenut biex jinqeda fix-xoghol ta' distribuzzjoni tal-hobz u filwaqt li huma kellhom ihallsu biss il-licenzja u l-insurance, il-konvenut kellu jiehu hsieb l-ispejjes l-ohra kollha. Il-kreditu ghalhekk ma jistax jinghad li kien wiehed cert jew dovut.

Illi l-kaz odjern, ghalkemm jipprezentaw ruhhom servizzi ta' natura ghal kollox differenti mill-kaz appena citat, jezistu pero' l-istess elementi legali li jistghu jistruwixxu ahjar ir-rizoluzzjoni ta' din il-vertenza. Dan fis-sens illi bhal fil-kaz citat, is-somma mitluba mill-konvenut fil-proceduri quddiem il-Qorti tal-Magistrati hija ghal kollox kontestata; hija kontestata tant illi s-socjeta' konvenuta f'dawk il-proceduri sahansitra ressqet kontro-talba u qed tippretendi li ghandha tithallas hi u mhux l-attur f'dawk il-proceduri.

Illi ghalhekk ma jistax verament jinghad illi l-ammont li qed jintalab mill-konvenut fil-Qorti tal-Magistrati huwa fil-mument verament likwidu u dovut, u ghalhekk dan l-element essenzjali ghall-ezistenza tat-tpacija ma jezistix. Il-konvenut seta' liberament inaqqas l-ammont mitlub fil-kawza odjerna mill-ammont li qed jtlob hu fil-kawza l-ohra, izda mhux b'forma ta' tpacija kif trid il-ligi.

Illi ghaldaqstant lit-Tribunal jirrizultalu illi anke l-eccezzjonijiet li nghataw mill-konvenut rigwardanti l-proceduri quddiem il-Qorti tal-Magistrati u t-tpacija, ghandhom jincahdu.

Għaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, jilqa' t-talbiet tas-socjeta' attrici u jordna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' erbat'elef, erba' mija u erbgha u ghoxrin Euro u tmienja u ghoxrin centezmu (€4,424.28), bl-imghax mid-data tal-prezentata tal-kawza odjerna sal-hlas effettiv. L-ispejjez ta' din il-kawza ghandhom jithallsu mill-konvenut.

**Dr. Claudio Żammit**

**Gudikatur**

Mary Josette Musu'

Deputat Registratur